**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 29 ta' April 2024

Każ Numru: 206/2019

**IL-PULIZIJA**

(Supretendent Malcolm Bondin)

**--vs--**

**Ronald Mallia**

(Detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 474287 (M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Ronald Mallia ta' 31 sena', bin John u Maria nee' Zammit, imwieled Pieta' Malta, nhar is-7 ta' Ottubru 1987, u residenti Flt. 4 Bellagio Court, Triq Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 474287M, akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Mejju 2018 u fis-sena ta' qabel din id-data:

"…

1. *fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tarregolamenti ta' 1-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Kellek fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' 1-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek;*

3. *Kellek fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' 1-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;(sussegwentement irtirata fl-4 ta' Marzu 2020)*

…"

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna wkoll lill-imputata iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tagħha ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2019 sar l-eżami tal-imputat, li wieġeb mhux ħati għal imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-kontro ordni tal-Avukat Ġenerali maħruġa fl-3 ta' Diċembru 2020 ai termini tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tagħha, ordna li l-imputat jiġi proċessat minn din il-Qorti biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u jiġi ġġudikat bi proċedura sommarja.

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-kawża titkompla bi proċedura sommarja.

Rat l-Ordni ta' din il-Qorti magħmula fit-30 ta' Ottubru 2019 ai termini tal-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 u tal-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2020 l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qiegħda tirtira r-raba imputazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta Diċembru 2020 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti li bih assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat illi l-Uffiċjal Prosekutur waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2022 iddikjara li l-imputat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-assenjazzjoni li saret mis-S.T.O. il-Prim Imħallef fid-9 ta' Marzu, 2023 skont l-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), li biha dawn il-proċeduri ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2023 mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta.

Rat illi fil-31 ta' Awwissu 2023 il-Bord ta-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga iddikjara li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-imputat u li kien qed jgħalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Rat illi waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2024, dwar is-sottomissjonijiet finali l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet se toqgħod fuq l-atti proċesswali filwaqt li l-Qorti dakinhar semgħet it-trattazzjoni orali tad-difiża.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. L-Ispettur Malcolm Bondin xehed darbtejn f'dawn il-proċeduri, l-ewwel darba fit-18 ta' Settembru 2019, imbagħad reġa' xehed fit-2 ta' Ġunju 2021.

   Fl-ewwel okkażjoni l-ispettur xehed illi fit-3 ta' Mejju 2018 l-pulizija kienu interċettaw vettura bin-numru DBK657 misjuqa minn terza persuna f'ċirkustanzi suspettużi. Fil-vettura kien hemm ukoll l-imputat. Baqgħu jsegwu l-imsemmija vettura sa Paceville, imbagħad twaqqfet u saret tfittxija fil-vettura u nstabet sustanza suspettuża li dwarha kien ħa r-responsabbiltà l-imsemmija terza persuna. Fuq il-persuna tal-imputat instabu 2 mobajls, miżien diġitali u sustanza ta' lewn abjad suspettata droga. Il-persuni ġew arrestati u ingħataw id-drittijiet. L-imputat sussegwetement irrilaxxa stqarrija u kkopera bis-sħiħ mal-pulizija. L-imputat jammetti li huwa kien nħakem mill-vizzju tad-droga u kien qed jixtri l-kokaina bil-ħamsin ewro il-gramma u kull darba kien jixtri madwar 5 grammi. Kien qallu li l-miżien kien jużah biex ikun jista' jikkalkula kemm iħallat bicarbonate mad-droga. Kien ikkonferma li l-mobajls kienu tiegħu it-tnejn u kienu ġew diskussi xi numri tal-

mowbajls li dehru fuqhom. Spjega li hu kien qed jaħdem għal terza persuna, biss ma kixifx l-identità tagħha, u talli kien ibiegħlu d-droga kien itigħ pakkett b'xi nofs gramma kokaina żejjed. Imbagħad meta kien jixtri kien itigħ prezz vantaġġuż ta' €40 il-gramma. Kien ibiegħ id-droga kważi ta' kuljum. L-ispettur esebixxa ukoll iż-żewġ mobajls bin-numri rispettivi tagħhom, miżien kif ukoll is-sustanza li suspettata droga li nstabet fuq l-imputat. L-imputat ikkonferma li l-mobajls u l-miżien kienu tiegħu.

Fit-tieni okkażjoni huwa xehed fid-dawl tat-talba li kienet saret sabiex il-Qorti tassumi rwol ta' Qorti dwar Droga. Huwa kkonferma li il-persuna li kien hemm fil-vettura mal-imputat kienet assumiet ir-responsabbiltà dwar id-droga li nstabet fil-vettura. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien ikkopera miegħu, kif ukoll illi meta mistoqsi iddeċieda li jixhed mingħajr l-assistenza tal-avukat. Ikkonferma li l-imputat kien stqarr miegħu li kien qed juża id-droga b'ċerta dipendenza, u li huwa ma kienx sempliċement user, iżda kellu vizzju. Ikkonferma ukoll li kien hemm diversi problemi li wassluh f'din it-triq. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien stqarr miegħu li hu aktar milli jbigħ id-droga, kien qed jaħdem għal persuna oħra biex jieħu prezz aħjar fuq id-droga tiegħu u xi pakkett b'xejn biex imantni l-vizzju. Huwa finalment jgħid illi mata jħares lejn wiċċ l-imputat, jidher ċar li saret bidla bejn dak iż-żmien u llum. Fejn dak iż-żmien kont tħares lejh u tara persuna ivvizzjata fuq id-droga, illum hemm differenza kbira.

2. Fl-istqarrija tiegħu tal-4 ta' Mejju 2018 (Dok MB1) l-imputat ammetta li kien juża qisu gramma u nofs kokaina bil-pippa. Kien jixtri l-kokaina min Ħal-Qormi u reċentement minn Buġibba, l-ammont ta' ħames grammi kull darba u kienet tiġiegħ €55 il-gramma. Imbagħad qal li kien ibiegħ għal persuna, pero flus qatt ma qala. Kien jieħu d-droga bħala ħlas minnflok.

3. Il-kuntistabbli 760 Christopher Saliba xehed fit-18 ta' Settembru 2019 li fit-3 ta' Mejju 2018 kienu waqqfu vettura tal-marka Daewoo Matiz fuq suspett li tqanqlilhom. Kien hemm 2 persuni, fosthom imputat, u fil-preżenza ta' PS1086 għamel tfittxija u minn fuq l-imputat eleva 2 mobajls, miżinn diġitali, u sustanza bajda suspettata droga kokaina. Kien għadda l-oġġetti elevati lill-Ispettur Bondin. Huwa għaraf l-oġġetti imsemmija li ġew esebiti fl-evidence bags b'numri S01344544 u 50022 li fih iż-żewġ mobile phones, bħala dawk li ġew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat.

4. L-Espert tal-Qorti Keith Cutajar maħtur waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2019, xehed fit-30 ta' Ottubru 2019 u ppreżenta relazzjoni mmarkata bħala Dok KC1. Huwa ddikjara li ma kienx possibbli joħroġ id-data minn fuq iż-żewġ mobile phones, biss irnexxielu jottjeni nformazzjoni dwar il-linji li tinkludi call logs, sms u localisation data mingħand is-service providers.

   L-inkarigu tal-espert kien ġie estiż fit-22 ta' Jannar 2020 u huwa reġa' xehed fl-4 ta' Marzu 2020 fejn ippreżenta relazzjoni ulterjuri li ġiet mmarkata bħala Dok KC2. Jgħid li l-imputat kien ikkollabora miegħu u taħ il-pin number tal-mobajl biex b'hekk setgħet issir l-estrazzjoni.

5. Dr Ilona Schembri fl-4 ta' Marzu 2020 ppreżentat relazzjoni li ġiet immarkata bħala Dok IS1.

6. L-espert tal-Qorti Godwin Sammut kien ġie maħtur waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2019, u xehed fit-30 ta' Ottubru 2019 u ppreżenta relazzjoni mmarkata bħala Dok GS1. Huwa għamel analiżi fuq Dok MB4 li huwa miżien ta' lewn iswed li kien fih tiċpis ta' lewn abjad, u rriżulta li dan it-tiċpis kienet tas-sustanza kokaina. Is-swabs ittieħdu mis-sustanza bajda irriżultaw pożittivi għall-kokaina. Il-piż tas-sustanza kien ta' 4.8 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 35%. Il-valur tal-imsemmija sustanza huwa stmat bejn is-86 u t-384 Ewro.

7. WPS237 Antonella Vella xehdet fl-10 ta' Diċembru 2019 u kkonfermat li kienet xhud ta' l-istqarrija meħuda lill-imputat u ppreżentata bħala Dok MB2. Hija għarfet ir-rifjut tal-assistenza legali tal-imputat u l-firma l-ispettur Bondin tal-Ex kuntistabbli PC 1013, kif ukoll tal-imputat.

8. PS1086 Johann Micallef xehed fl-10 ta' Diċembru 2019 li huwa, flimkien ma' 2 kuntistabblijiet oħra bin-numri 1494 u 760 kienu fl-inħawi ta' Buġibba u tqanqlilhom suspett dwar vettura DBK657. Huma segwew din il-vettura sa Paceville fejn imbagħad waqqfuha. Is-sewwieq kien ċertu Ahmed Lauzumi, u l-imputat kien passiġġier. Fuq in-naħa tax-xufier kienet instabet xi droga. Fuq il-persuna tal-imputat instab xi droga li kienet suspettata crack. Il-persuni ġew arrestati għal aktar investigazzjoni.

9. Fl-affidavit ta' Charmaine Zammit bħala rappreżentanta ta' Vodafone Malta Limited jiġi ddikjarat li ma rriżultat ebda informazzjoni dwar il-persuna msemmija f'Dok CZ1.

10. Anthony Bonnici bħala rappreżentanta ta' GO plc xehed fl-4 ta Marzu 2020 li ma kellux registration details dwar in-numru mogħti lilu.

11. PC 1494 Andrei Grech xehed fis-16 ta' Lulju 2020 u prattikament ikkonferma l-verżjoni ta' PC760 u PS1086.

12. Stephen Cachia xehed fis-28 ta' Ottubru 2020 u ppreżenta relazzjoni mmarkata bħala Dok SC1.

13. L-Ispettur Shaun Pawney xehed fis-16 ta' Diċembru 2020 u ppreżenta relazzjoni mmarkata bħala Dok SP1. Huwa jgħid li kien tkellem ma rappreżentant tal-Vodafone / Epic li kien informah li ma kien instab xejn dwar il-mobajl numbers li kien għaddielu.

14. L-esperta Psychologista Roberta Holland xehdet fl-14 ta' Lulju 2021 dwar it-talba ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 u ppreżentat relazzjoni dettaljat dwar l-imputat.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, id-Difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. PC760 Christopher Saliba xehed fit-13 ta' Jannar 2022 u ikkonferma li fuq l-imputat nstab pakkett b'sustanza bajda suspettata droga kokaina, liema droga ma kienetx imqassma f'pakketi, imma kienet f'borża waħda, kif ukoll miżien elettroniku żgħir. Dwar il-miżien l-imputat kien qallu li dan jintuża biex ikun jista' jiżen u jħallat il-bikarbonat mad-droga. Kien qallu li d-droga kienet għal użu tiegħu personali. Ikkonferma wkoll li l-imputat kellu diversi problemi. Jgħid li l-imputat ikkollabora mal-

pulizija u bis-saħħa tal-kollaborazzjoni tiegħu il-pulizija waslet għal diversi sejbiet oħra. Jgħid li hu baqa' f'kuntatt mal-imputat u llum huwa persuna mibdula u għandu xogħol stabbli.

2. **Is-Supretendent Malcolm Bondin** xehed fit-3 ta' Marzu 2022 in kontroeżami biss ma setgħax jiftakar id-dettalji tal-każ. Ftakar li kien hemm persuna oħra li kienet għaddejja proċeduri ukoll, u li l-ammont ta' droga kien żgħir. Ftakar li l-imputat ma kienx jagħmel għal qliegħ imma biex imantni l-vizzju tiegħu.

3. Illi l-imputat għażlet li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dan hekk kif kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal**-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li

wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

***2.*** **L-Ewwel Imputazzjoni dwar traffikar ta' droga kokaina:** *"talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Mejju 2018 u fis-sena ta' qabel din id-data:*

*fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tarregolamenti ta' 1-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;"*

Illi permezz ta' din l-ewwel imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużata bi traffikar ta' kokaina fil-perjodu tat-3 ta Mejju 2018 u s-sena ta' qabel.

Fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Settembru 2019 l-Ispettur Malcolm Bondin jgħid li fit-3 ta' Mejju 2018 l-pulizija kienu interċettaw vettura bin-numru DBK657 misjuqa minn terza persuna f'ċirkustanzi suspettużi, li fiha kien hemm ukoll l-imputat. Baqgħu jsegwu l-imsemmija vettura sa Paceville, imbagħad twaqqfet u saret tfittxija fil-vettura u nstabet sustanza suspettuża li dwarha kien ħa r-responsabbiltà l-imsemmija terza persuna.

Relevanti għal dan il-każ hija s-sustanza ta' lewn abjad suspettata droga u l-miżien diġitali li nstabu fuq il-persuna tal-imputat. Il-persuni ġew arrestati u ingħataw id-drittijiet.

L-imputat sussegwentement irrilaxxa stqarrija li ġiet ikkonfermata mill atti minn-WPS237 Antonella Vella fix-xhieda tagħha tal-10 ta' Diċembru 2019, fejn fiha huwa ammetta li kien ħakmu l-vizzju tad-droga u kien qed jixtri l-kokaina bil-ħamsin ewro il-gramma u kull darba kien jixtri madwar 5 grammi. Qallu ukoll li l-miżien kien jużah biex ikun jista' jikkalkula kemm iħallat bicarbonate mad-droga.

Biss aktar relevanti għal din l-imputazzjoni huwa l-fatt li bejn Mejju 2017 u Jannar 2018 l-imputat stqarr li hu kien ibiegħ id-droga għal-terzi persuni. Jgħid li qliegħ ma kienx ikollu, fis-sens li kien ibiegħ id-droga u ta' dan din it-terza persuna kienet ittiegħ xi droga b'xejn għalih (pakkett b'xi nofs gramma kokaina), u kien itiegħ prezz vantaġġuż għad-droga li kien jixtri għal użu tiegħu.

Minn din l-istqarrija joħroġ ċar li l-imputat kien ibiegħ id-droga għal terza persuna, pero flus qatt ma qala. Minnflok dan it-terza persuna bħala ħlas kien itiegħ xi droga kif ukoll prezz vantaġġuż.

Imbagħad PC 760 Christopher Saliba li xehed fit-18 ta' Settembru 2019 ikkonferma li fit-3 ta' Mejju 2018 kien waqqfu vettura tal-marka Daewoo Matiz fuq suspett li tqanqlilhom. Kien hemm żewġ persuni fosthom l-imputat u fil-preżenza ta' PS1086 għamel tfittxija u eleva żewġ mobajls, miżinn, u sustanza bajda suspettata droga kokaina. Huwa għaraf l-esebiti fl-atti tal-proċess li kien isiġilla hu stess meta elevhom minn fuq il-persuna tal-imputat. Din ix-xhieda ġiet korraborata minn PS1086 Johann Micallef li xehed fl-10 ta' Diċembru 2019 u PC1494 Andrei Grech li xehed fis-16 ta' Lulju 2020.

Is-sustanza ġiet eventwalment eżaminata mill-espert tal-Qorti Godwin Sammut li kien ġie maħtur waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2019. L-espert xehed fit-30 ta' Ottubru 2019 u ppreżenta relazzjoni mmarkata bħala Dok GS1 minn fejn irriżulta li fuq il-miżien esebit fl-atti kien hemm tiċpis ta' sustanza kokaina. Irriżultalu ukoll li s-sustanza bajda elevata minn fuq l-imputat kienet irriżultat pożittiva għall-kokaina. Il-piż ta' din

is-sostanza kien ta' 4.8 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 35%. Il-valur tal-imsemmija sustanza ġie stmat bejn is-86 u t-384 Ewro.

Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu, kif ukoll tal-provi l-oħra li jikkoroboraw l-involviment tax-xhud fl-ispaċċar ta' droga, din il-Qorti hija moralment konvinta li din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat ġiet suffiċjentament ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi. **Għalhekk il-Qorti sejra issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

3. **It-tieni imputazzjoni dwar il-pussess aggravat ta' droga kokaina:** "*Kellek fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek;*"

   Permezz ta' din it-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat b'pussess aggravat ta' droga kokaina.

   Dwar din l-imputazzjoni din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri deċiża fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali** qalet hekk:

   > *"Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw ċerta diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni w a bażi tal-provi li jinġabru mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jigifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun biżżejjed. (**Ara App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio [26.8.1998]**). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-*

*Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati. (**Ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri [2.9.1999]**.)*

*Illi però kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-Ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-Ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-Ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-Ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (**App. Krim. Il-Pulizija vs. Brian Caruana [23.5.2002]**)".*

Illi fis-sentenza tagħha tat-**18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Stephen Abela, il-Qorti tal-Appell Kriminali** rriteniet hekk:

*"Li stabbilit li kull każ irid ikun studjat għalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal għal-konklużjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konklużjoni. Meta l-ammont ma jkunx wieħed li normalment jassoċja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-użu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".*

Illi fid-deċiżjoni mogħtija **fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jason Mallia, il-Qorti tal-Appell** qalet hekk:

*"Jekk tiġi ppruvata, miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni [l-animus li jispaċċa d-droga] allura ċertament dak il-pussess ma jkunx ghall-użu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix meħtieġa ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-liġi tirrikjedi hu li jiġu pruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tal-ħati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi ħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mħux għall-użu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif bi ħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "użu" il-leġislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juża huwa stess dik id-droga ossia jabbuża minnha billi jikkonsmaha. Għalhekk, persuna li ma jkollhiex il-ħsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga għandha mingħajr raġuni valida skond il-liġi biex eventwalment tara x'tagħmel*

*biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jingħad li hu għall-użu esklussiv tagħha".*

Illi f'dan il-każ li għandha quddiema, l-Qorti wara li tanalizza l-provi trid tistabilixxi l-ewwel il-pussess ta-droga kokaina, mbagħad l-aggravanti li bih ġie mixli l-imputat.

Fl-istqarrija tiegħu filwaqt li l-imputat jammetti li l-borża li nstabet fuq il-persuna tiegħu, u l-miżien, kienu tiegħu, huwa jgħid li din id-droga kienet għall-użu personali tiegħu.

Din il-Qorti tinnota li għalkemm l-imputat jammetti li kien jispaċċa d-droga għal-terza persuna, u dwar dan il-Qorti se ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni, trid titratta din l-imputazzjoni separatament.

Illi kif ingħad hawn fuq din il-Qorti hija konvinta li d-droga li nstabet fuq l-imputat hija tiegħu. Il-Qorti tirrileva li l-imputat ikkollabora mal-uffiċjali nvestigattivi, u m'hemmx raġunijiet għala l-Qorti għandha tiddubita mill-veraċita tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Huwa jistqarr li kellu l-vizzju tad-droga u li kien jixtri ħames grammi droga kull darba għal użu personali tiegħu. Kien jieħu ukoll xi droga bħala ħlas talli kien jispaċċa d-droga għal terza persuna. Din kienet il-verżjoni li l-imputat isostni mill-bidu nett, sal-aħħar.

Skont l-espert tal-Qorti Godwin Sammut filwaqt li stabilixxa li s-sustanza bajda elevata minn fuq il-persuna tal-imputat irriżultat pożittiva għall-kokaina, jistabilixxi li l-piż tas-sostanza kien ta' 4.8 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 35%. Il-valur tal-imsemmija sustanza huwa stmat bejn 86 u 384 Ewro.

Illi għalkemm l-ammont ta' droga misjub ma kienx wieħed zgħir, tenut kont tal-ammont ta' droga li l-imputat kien qed juża sabiex imantni l-vizzju tiegħu, din il-Qorti tqis li l-ammont li nstab fil-pussess tal-imputat verament kien, almenu din id-darba għal-użu personali tiegħu.

**Din il-Qorti għaldaqstant mhix se tkun qed issib ħtija dwar din it-tieni l-imputazzjoni.**

4. **It-tielet imputazzjoni dwar il-pussess ta' droga kokaina: "***Kellek fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi*

*Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazioni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;"*

Illi kif ingħad hawn fuq il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfaċentement il-pussess tad-droga kokaina, **għalhekk il-Qorti sejra issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat, għalkemm il-fedina penali tiegħu mhix xi waħda netta, minnha jirriżulta ukoll li l-aħħar każ tal-imputat kien propju fil-perjodu tal-imputazzjonijiet li jirriżultaw f'din il-kawża, jiġifieri sitt snin ilu.

Il-Qorti ikkunsidrat ir-relazzjoni li tinsab in atti tal-esperta Psychologista Roberta Holland minn fejn jirriżultaw diversi fatturi li jimmilitaw kontra sentenza ta' priġunerija effettiva. Mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, jirriżulta li l-imputat ikkopera bis sħiħ, u skont il-kuntistabbli PC760 Christopher Saliba li xehed in kontroeżami fit-13 ta' Jannar 2022 bis-saħħa kollaborazzjoni tal-imputat il-pulizija waslet għal diversi sejbiet oħra.

Il-Qorti stabbiliet ukoll li l-aġir tal-imputat kien konsegwenza ta' diversi problemi familjari, u tal-vizzju tad-droga li ħakmu dak iż-żmien. Kif ikkonfermaw l-uffiċjali tal-Pulizija sar kambjament għal aħjar fl-imputat.

Tal-iprem importanza huwa l-fatt li permezz ta' nota tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (fol. 279) kostitwit skont il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie ddikjarat li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-imputat, u temm il-każ tiegħu b'suċċess.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal kawża ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-30 ta' Novembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) Kontra Enrica Farrugia** fejn hemmhekk il-Qorti għamlet analiżi approfondita tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rriteniet:

> *"Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:*
>
> > *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
> >
> > *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*
>
> *Illi qari ad literam ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti.*
>
> *Illi qari ad literam ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija*

*kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti.*

*Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:*

> *"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:*

> *"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. ... Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors. Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li*

*jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:*

*"…il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt. Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu." [Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015]*

*Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata ddiskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn*

*persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga."*

Għaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li sentenza karċerarja effettiva ma jkolliex l-effetti mixtieqa fir-rigward tal-bilanċ li trid tilħaq bejn l-interessi tas-soċjeta u tar-riforma tal-imputat, u bl-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta hemm lok għal-piena alternattiva minn dik ta' priġunerija effettiva.

**D. <u>Deċide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat Ronald Mallia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 474287M mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaħ, u wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tal-Liġi Sussidjarja 101.02, u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Ronald Mallia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 474287M ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' ħmistax (15) il-xahar priġunerija, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan Qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, kif ukoll għal multa ta' elf Ewro (€1000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) bl-ewwel pagament għandu jsir fix-xahar ta' Mejju 2024. Jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont kif provdut fl-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat bi kliem sempliċi, ċar u li jinftiehem skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Finalment, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti li jammontaw għall-€1,846.37.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**

**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**